MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 63/2002/1

**Joseph Azzopardi, Lou Bondi u Paul Josef Vassallo bhala socji tas-socjeta` "Where's Everybody" u b'digriet tat-8 ta' Mejju tas-sena 2002 gie kancellat kollox wara l-ismijiet tal-atturi u jidhru s-segwenti kelmiet "ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Where's Everybody".**

**vs**

**Felix Agius**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Novembru, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 ta’ Jannar tas-sena 2002 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:

1. Prevja dikjarazzjoni illi permezz ta’ l-artiklu ‘Ta’ “Where’s Everybody” Jaharbu’ ippubblikat f’pagna 6 tal-gazzetta “Kullhadd” fid-9 ta’ Dicembru, 2001, (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A), li tieghu hu l-editur, kkometta ingurja ta’ l-isem u malafama ta’ negozju bl-isem “Where’s Everybody”;

2. Ihallas lill-atturi nomine dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti f’ammont li komplessivament ma jeccedix il-hames telef liri Maltin, (LM5,000) a tenur ta’ l-artiklu 29 ta’ l-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta’ Malta);

3. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-25 ta’ Frar tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament il-konvenut jecepixxi illi l-attur ma ghandux personalita’ guridika kwindi m’ghandux standi judicio fi proceduri legali u li ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit l-artikolu in kwestjoni mhuwiex libelluz fil-konfront ta’ l-atturi;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas-sueccepit il-fatti msemmija jikkonsistu f’rappurtagg gurnalistiku dwar kwistjonijiet ta’ interess pubbliku accettabbli f’socjeta’ demokratika;

4. Illi in kwantu l-artikolu jikkontjeni kummenti, dawn jikkonsistu f’fair comment maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta’ interess pubbliku;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi sodisfatt is-suespost din il-qorti ghaddiet biex tikkonduci din il-vertenza sommarjament ai termini ta' l-artikolu 28 (1) tal-Kap 248 u l-artikolu 47, 171 u 215 tal-Kap 12;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi Joseph Azzopardi, Lou Bondi u Paul Josef Vassallo hassewhom ingurjati b'artikolu intitolat "Ta' "Where's Everybody" Jaharbu' li deher fil-gazzetta settimanali "Kullhadd" tad-9 ta' Dicembru tas-sena 2001, f'pagina 6;

2. Illi oltre l-fatt li l-artikolu de quo mhux iffirmat, fl-istess pagna jidhru bi prominenza ritratti ta' tnejn mill-personaggi li waqghu fil-mira ta' l-artikolist anonimu;

3. Illi in sintesi l-istess personaggi jsostnu li hassewhom ingurjati u malafamati bis-segwenti:

a. Illi dawn il-personaggi pubblici harbu milli jwiegbu xi mistoqsijiet;

b. Illi d-ditta "Where's Everybody" li taghha l-personaggi fuq imsemmija huma soci, torganizza programm specjali fil-perjodu natalizju bl-isem ta' "Strina" li permezz tieghu tingabar somma ingenti ghall-skopijiet filantropici;

c. Illi l-artikolist anonimu jsostni u jimplika li l-istess ditta "… tiehu kummissjoni fuq il-gbir li jsir waqt dan il-programm";

Ikkonsidrat:

Illi l-personaggi fuq riferiti jsostnu li dan kemm singulatim kif ukoll fil-kumpless tieghu kollu jillibellhom u jghamlilhom hafna hsara indebita u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi hadd mill-personaggi involuti ma jiehu "commission" ghall-involviment tieghu fil-programm natalizju in dizamina;

2. Illi x-xoghol li l-istess personaggi jghamlu in konnessjoni ma' l-istess programm hu wiehed kollu volontarju;

3. Illi lanqas d-ditta' "Where's Everybody" ma tithallas b'xi mod ghax-xogholijiet li jistghu jsiru f'isimha;

4. Illi l-programm in dizamina hu wiehed purament filantropiku;

5. Illi mhux accettabbli li jigi insinwat li dawn il-personaggi qed jinsistu biex tramite l-apparenza filantropika jiggwadanjaw huma;

6. Illi l-programm in dizamina ilu jittella ghal numru ta' snin u issa jidher li sar parti mill-palinsest natalizzju tal-pajjiz;

7. Illi l-kredibilita' ta' l-istess programm mal-pubbliku Malti tiddependi biss mir-rieda tajba u l-bona volonta' kemm tal-participanti li jikkontribwixxu finanzjarjament, kif ukoll tal-atturi organizzaturi;

8. Illi effettivament l-istess programm hu intella' mis-socjeta' "Public Broadcasting Services Limited" (PBS) tramite bord zghir imwaqqaf appozitivament;

9. Illi jirrizulta li l-unici persuni li jigu mhallsa ghal dan il-programm annwali specjali huma impjegati tal-PBS u jithallsu l-kontijiet ta’ l-elettriku ikkonsmat matul l-istess;

10. Illi mill-analizi ta’ l-‘accounts’ tal-programm li gew ipprezentati fil-mori tal-procedura u ghalhekk soggetti anke ghall-iskrutinju tal-konvenut jidher assodat li “commissions” ma jithallsu lil hadd;

11. Illi l-programm jitella bis-sagrificju ta’ persuni li jghazlu li jippartecipaw b’mod volontarju nonostante li l-attwazzjoni effettiva tal-programm tirrikjedi investiment lavorattiv konsiderevoli, sahansitra sa minn Awissu ta’ qabel;

12. Illi l-PBS jirrizulta li la thallas lid-ditta “Where’s Everybody” u lanqas lill-membri kostituttivi taghha ghal dan ix-xoghol;

13. Illi l-pagamenti li jsiru in konnessjoni ma’ l-istess programm jikkoprendu biss l-ispejjez li inevitabbilment isiru u dawn jithallsu a bazi ta’ ricevuti kif jirrizulta mir-rendikont finanzjarju mmarkat Dok. AJT 1 a fol 24 et sequitur;

14. Illi dan ir-rendikont finanzjarju jigi ppublikat kull sena u jigi wkoll rez pubbliku tramite prezentazzjoni appozita li ssir ghall-habta ta’ Lulju ta’ wara l-edizzjoni tal-programm;

15. Illi skond il-president tal-PBS dan ir-rendikont mhux biss jigi mqassam waqt il-prezentazzjoni pubblika stess izda jintbghat ukoll lil dawk li ma jattendux ghal din il-prezentazzjoni;

16. Illi dan ir-rendikont finanzjarju hu mahrug taht l-iskrutinju u bl-awtorizzazzjoni ta’ “certified public accountant” skond il-ligi li jiccertifika l-ezattezza tieghu;

17. Illi in oltre, dan l-istess rendikont finanzjarju jigi wkoll skrutinat ma’ l-“accounts” generali tal-PBS u hu ghalhekk sottomess ghall-analizi ta’ awditur skond il-ligi;

Ikkonsidrat:

Illi jirrizulta skond ir-registratur ta’ l-istampa li l-editur registrat tal-gazzetta settimanali “Kullhadd” fid-9 ta’ Dicembru tas-sena 2001 kien il-konvenut Felix Agius;

Ikkonsidrat:

Illi din il-qorti f’dan l-istadju tissottolinea li fil-fatt il-konvenut fuq indikat ghazel li ma jidhirx fl-ebda wahda mill-udjenzi rizervati ghal din il-procedura u ghazel ukoll li ma jipproduci l-ebda prova;

Ikkonsidrat:

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut, filwaqt li din il-qorti taghmel referenza ghall-artikolu 4 (d) tal-Kap 249, l-Att Dwar l-Interpretazzjoni, tirrespingi l-istess eccezzjoni;

Ikkonsidrat:

Illi l-konvenut eccepixxa li l-artikolu in dizamina minnu riprodott fil-gazzetta minnu gestita hu wiehed li:

a. Mhux libelluz;

b. Jikkonsisti f’rappurtagg gurnalistiku ta’ interess pubbliku f’socjeta’ demokratika;

c. Jikkonsisti f’“fair comment”;

Ikkonsidrat:

Illi ovvjament din il-qorti taqbel mal-konvenut li l-liberta’ ta’ l-espressjoni hi l-bazi ta’ socjeta’ demokratika;

Illi kif irriteniet il-Qorti Europea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-kaz “Handyside vs. The United Kingdom” (1976):

“Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of such a society, one of the basic conditions for its progress and for the development of every man …It is applicable not only to “information” or “idea” that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb the state of any sector of the population. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no ‘democratic society’”;

Illi pero’ minn issa l-quddiem il-konvenut ma jibqax fl-istess binarju ndikat fl-istess decizjoni stante li jiddipartixxi bil-kbir mill-insenjamenti ta’ l-istess imsemmi qorti internazzjonali;

Ikkonsidrat:

Illi ghandu jkun pacifiku li l-iskop ewlieni ta’ gazzetta hu li tippubblika informazzjoni u ideat fuq materja ta’ interess pubbliku;

Illi minn naha l-ohra ghandu jkun pacifiku wkoll pero’ li wiehed ghandu d-dritt jipprotegi l-fama tieghu minn manipulazzjoni skritta li timmolestah;

Illi ghalhekk f’dan l-istadju wiehed irid allura jiddistingwi bi kjarezza bejn dak li hu ndikat bhala “allegazzjoni ta’ fatt” li fuqu jistrieh l-“fair comment” u dak li hu biss manipolazzjoni malinn bi ksur tal-Ligi ta’ l-Istampa u ta’ l-obbligi inkluzi fil-Konvenzjoni fuq riferita;

Illi kif gie ritenut b’semplicita’ fid-decizjoni Reginald Miller vs Harold Scory, (Volum XXXVI. IV. P. 843):

“…il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-“comment” biex ikun gustifikat irid ikun “fair and bona fide”, u ma jistax ikun ‘fair u bona fide’ jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru”;

Illi ghalhekk l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut tal-“fair comment’ ma tistax tigi akkolta stante li l-fatti addebitati

lill-atturi mhux biss ma gewx ipprovati anzi gie addirittura pprovat il-kuntraju;

Illi ghalhekk il-paraventu ta' rappurtagg gurnalistiku ta' interess pubbliku f'socjeta' demokratika mhux biss jikkrolla inezorabbilment izda juri l-veru intenzjoni libelluza u malafamanti tal-konvenut, u dan stante li jirrizulta:

1. Illi l-konvenut jirrizulta li kellu jew seta' kellu l-informazzjoni kollha shieha u dokumentata li tgiddeb il-konkluzjoni malina tieghu li l-atturi jithallsu xi "commission" fix-xoghol in dizamina:

2. Illi anke meta fil-mori tal-procedura dan gie stabbilit b'mod kristallin u b'ebda mod kontradett mill-konvenut jew mir-rapprezentant tieghu, dan il-konvenut xorta ippersista b'din il-procedura u ma jirrittrattax l-allegazzjoni infattwali tieghu b'irgulija;

Ghaldaqstant din il-qorti taqta' u tiddeciedi li hi sodisfatta li l-atturi pprovaw il-kaz taghhom skond il-ligi u filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, takkolji t-talbiet attrici u:

1. Tiddikjara li l-artikolu ppubblikat fil-gazzetta "Kullhadd" tad-9 ta' Dicembru tas-sena 2001 intestat "Ta' "Where's Everybody" Jaharbu" li ghalieh hu responsabbli l-konvenut Felix Agius bhala editur registrat fid-data tal-pubblikazzjoni huwa libelluz u malafamanti l-atturi Joseph Azzopardi, Lou Bondi u Paul Josef Vassallo;

2. Taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Vincent Borg vs Victor Camilleri et datata l-15 ta' Novembru ta' l-1994 fejn gie ritenut is-segwenti:

"Id-danni li ghandha tillikwida l-Qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz a' danni reali kkontemplati fil-Kodici Civili. Il-Ligi ta' l-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b'limitu ta' Lm2000", (liema limitu gie issa estiz ghall-ammont ta' hames t'elef Lira Maltin, (Lm5000.00,0);

3. Illi in vista tal-premess din il-qorti qed tissottolinea s-segwent:

a. Illi l-fatt allegat fil-gazzetta gestita mill-konvenut mhux minnu;

b. Illi l-fatti veru kienu jew setghu facilment kienu a konjizzjoni tal-konvenut;

c. Illi l-allegazzjoni hekk riprodotta timmina bi kbir il-kredibilita' ta' programm ibbazat fuq il-bona fede tal-partecipanti;

d. Illi meta l-fatti kienu kkjarifikati, anke fil-mori tal-kawza, il-konvenut ippersista bl-ostinazzjoni u naqas jutilizza l-opportunita' lilu koncessa mill-Ligi ta' l-Istampa li jikkoregi ruhu u jirritratta;

4. Tikkundanna lill-konvenut Felix Agius biex ihallas in solidum lill-atturi Joseph Azzopardi, Lou Bondi u Paul Josef Vassallo l-ammont ta' tlett elef Lira Maltin, (Lm3,000.00,0), bl-ispejjez ta' din il-procedura."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-aggravji f'dawn it-termini:-

1. Huwa beda biex issolleva 'ex novo' l-ewwel eccezzjoni tieghu dwar il-'locus standi' tal-atturi. Eccezzjoni din li hu stess kien irtira b'verbal tal-15 ta' Marzu 2002 (fol 9) tant li lanqas biss giet kummentata fis-sentenza appellata. Ghalhekk ukoll ma seta jigi dedott l-ebda aggravju dwarha;
2. L-artikolu 'de quo' kien jikkonsisti f''fair comment' maghmul in bona fede fuq kwestjoni ta' interess pubbliku;
3. Il-liberta` ta' l-espressjoni hi l-bazi ta' socjeta` demokratika u billi l-iskop ta' gazzetta hu dak li tippubblika nformazzjoni u idejat fuq materja ta' interess pubbliku hekk ukoll jaghmel l-artikolu taht ezami;
4. Il-parametri tal-kritika twessghu bosta partikolarment fejn jitratta minn materji ta' interess pubbliku.

Il-fatti f'din il-kawza huma sewwa esposti fis-sentenza appellata u allura mhux il-kaz li jergghu jigu hawn imtennija. Il-Qorti pero` tosserva biss illi l-konvenut ma xehedx fil-proceduri u ma pproduca l-ebda prova ohra biex isostni l-bazi tal-eccezzjonijiet tieghu.

Qabel kull konsiderazzjoni ohra l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax ukoll illi altru huma l-fatti u altru l-principji ta' dritt li issa ghogbu jinvoka l-appellant. Dan qed jigi rilevat in kwantu fil-fehma tal-Qorti l-gudizzju dwar kaz partikolari ma jistax jigi konfigurat, jew cirkoskritt, sempliciment fl-astratt tal-principji izda fuq il-konkret tal-fatti. Fatti, li meta provati, mbaghad, jistghu japplikaw ghalihom u jircievu debita attenzjoni dawk l-istess principji.

Huwa pacifikament ricevut f'bosta sentenzi illi in tema ta' diffamazzjoni permezz tal-istampat, ghall-iskop u applikazzjoni ta' l-iskriminanti, huwa necessarju mhux biss il-verita` oggettiva tal-fatt izda wkoll il-korrettezza formali tal-esposizzjoni, dik proprju li l-guristi Taljani jsejjhu "continenza". Jigifieri li l-esposizzjoni tal-fatt ghandha tkun kontenuta f'sens mizurat. Dan maggorment, imbaghad, fejn ir-rakkont ikun jikkontjeni fl-istess hin l-opinjoni jew kritika ta' l-artikolist.

Indiskutibilment kull kritika timmira biex taghti gudizzju u valutazzjoni personali. Dan id-dritt tal-kritika pero`, bhal kull dritt iehor, ma ghandux jigi ezercitat hlief fil-qafas oggettiv tal-logika koncettwali u ta' l-ordinament posittiv.

Naturalment dan ma jfisserx illi l-kritika hi vjetata 'a priori'. Ifisser biss li din ghandha tinzamm fil-parametri tal-bilanc bejn zewg drittijiet: id-dritt tal-manifestazzjoni hielsa tal-hsieb u d-dritt tal-persuna kritikata ghar-reputazzjoni taghha.

Din ir-riflessjoni tohrog bil-wisq cara mill-kontenut ta' l-Artikolu 10 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319). Proprju dan l-artikolu tal-ligi jitlaq mill-punt ta' partenza illi "kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta` ta' l-espressjoni" biex jispicca, fit-tieni subinciz tieghu, illi, wkoll f'socjeta` demokratika, l-ezercizzju ta' din

l-istess liberta` iggib maghha dmirijiet u responsabilitajiet; inter alia, "l-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' haddiehor."

Gie difatti affermat illi "l-liberta` tal-istampa ma timplikax licenza ghall-ingurja b'addebiti ta' fatti foloz intizi biex ihammgu l-fama u l-integrita` ta' haddiehor u ippubblikati minghajr l-icken sforz ta' verifika" – "**Onor Perit Charles Buhagiar –vs- Ray Bugeja noe**", Appell, 25 ta' Mejju, 2001.

U kieku l-appellant akkorda aktar attenzjoni lis-sentenza minnu citata fl-ismijiet "**Bergens Tidale and others –vs- Norway**" deciza mill-Qorti Ewropeja fit-2 ta' Mejju 2000, kien isib illi din id-decizjoni, flimkien ma' dik l-ohra fl-ismijiet "**Bladet Troms and Stensaas –vs- Norway**", deciza mill-istess Qorti fl-20 ta' Mejju 1999, kienu "japprofondixxu l-limiti tal-liberta` li fihom kellha topera l-istampa, kif ukoll il-bilanc li kellu jkun hemm bejn l-interess ta' l-individwu li jipprotegi r-reputazzjoni professjonali u l-integrita` tal-karattru tieghu, u l-interess pubbliku li jkun informat fuq materji li legittimament kienu jolqtu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar materji gravi li jikkoncernaw l-opinjoni pubblika". Ara sentenza fl-ismijiet "**Perit Duminku Mintoff –vs- Dr. Joe Brincat et**", Qorti Kostituzzjonali, 8 ta' Jannar 2001, li minnha dan l-estratt hu mehud.

Fil-fehma ta' din il-Qorti fil-kaz de quo dan il-bilanc, sostrat tal-harsien konvenzjonali fl-artikolu surreferit, kif ukoll ta' dak li hu meqjus kostituzzjonalment legittimu, ma jidherx li gie adegwatament imhares u kultivat fl-artikolu in diskussjoni.

Il-gudizzju valutattiv ta' l-artikolist dwar dak minnu rakkontat ma kellux ikun wiehed immaginarju izda wiehed accertat u utili ghall-ahjar apprezzament ta' l-ahbar moghtija. Xort'ohra dak l-istess gudizzju jassumi karattru offensiv in kwantu espress f'termini fondamentalment inkorretti u li jittraxxendu f'insinwazzjoni inveritiera diretta biex tolqot biss il-fama u r-reputazzjoni tas-soggett kritikat u xejn aktar.

Kif sewwa osservat fis-sentenza fl-ismijiet “**Joseph J. Vassallo –vs- Paolo Pace**”, Appell Kriminali, 17 ta’ Jannar 1951, b’citazzjoni mis-sentenza “**Campbell –vs- Spottiswode**” (1863) tal-kliem imtenni minn Lord Cockburn, “It is said that it is for the interests of society that the public conduct of public men should be criticised, without any other limit than that the writer should have an honest belief that what he writes is true. But it seems to me that the public have an equal interest in the maintenance of the public character of public men; and public affairs could not be conducted by men of honour, with a view to the welfare of the country, if we were to sanction attacks upon them, destructive of their honour and character, and made without any foundation”.

Tabilhaqq ma jinghad xejn partikolarment gdid illum taht il-kappa tax-xemx minn dak li kien inghad minn dan il-gudikant Ingliz kwazi seklu u nofs ilu.

Stabbiliti dawn il-konsiderazzjonijiet kollha ta’ dritt din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni fil-kaz partikolari illi jista’ jinduciha tiddisturba l-analizi u l-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti li akkordat raguni lill-atturi appellati li jhossuhom malafamanti u ghalhekk intitolati ghar-rimedju preskritt mil-ligi dwar l-Istampa.

Il-konvenut ma appellax mill-ammont tad-danni stabbiliti mill-ewwel Qorti u ghalhekk din il-Qorti hi prekluza milli tikkonsidra jekk id-danni imposti humiex ragjonevoli jew sewwa mkejla.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------